

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Meju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Iżveżja**

(Kawża C-322/08) <sup>(1)</sup>

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/83/KE — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst*)

(2009/C 153/30)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Condou-Durande u J. Enegren, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Iżveżja (rappreżentant: S. Johannesson, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, p. 12)

**Dispożittiv**

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ir-Renju tal-Iżveżja naqas mill-obbligi imposti fuqu taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju tal-Iżveżja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>(1)</sup> ĠU C 223, 30.8.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-14 ta' Meju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo**

(Kawża C-390/08) <sup>(1)</sup>

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/35/KE — Rimedju għal danni ambjentali — Prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*)

(2009/C 153/31)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u I. Dimitriou, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: N. Dafniou, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obblighi tagħha skont l-Artikolu 19(1) tal-imsemmija direttiva.

**Dispożittiv**

- 1) Billi m'adottatx, fit-terminu previst, il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obblighi tagħha skont l-Artikolu 19(1) tal-imsemmija direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>(1)</sup> ĠU C 247, 27.9.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Meju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo**

(Kawża C-390/08) <sup>(1)</sup>

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Deċiżjoni Nru 280/2004/KE — Implementazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto — Miziuri nazzjonali intiżi sabiex jillimitaw u/jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra — Nuqqas ta' komunizzjoni tal-informazzjoni rikuesta*)

(2009/C 153/32)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u J.-P. Keppenne, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jikkonfika, fit-terminu previst, l-informazzjoni rikuesta skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li tikkonċerna l-mekkaniżmu